# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2022

**Rikors Numru : 273/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**FH**

**Vs**

**KH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' FH datat 18 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewwget lill-intimat fil-5 ta' April 2004, b'rit civili il-Belt Valletta, Certifikat taz-Zwieg Numru 297/2004 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel, AH li twieled f'X u jghix mar-rikkorenti;*

2. *Illi l-kura u kustodja u manteniment ghat-tifel kienu gew dekretati mill-Onorabbli Qorti fid-disgha (9) ta' Gunju 2017 (medjazzjoni ittra Nru 92/17);*

3. *Illi huma mhumiex separati legalment izda ilhom separati de facto mis-sena 2012 u qatt ma rrikonciljaw;*

4. *Illi bejn il-partijiet m'hemmx assi u ghalhekk m'hemmx assi x'jigu illikwidati;*

5. *Illi m'hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi hi giet awtorizzata tipprezenta l-kawza odjerna mill-Onorabbli Qorti;*

7. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

8. *Illi hi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe M;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn imzmmija ir-rikorrenti umilment titlob lil l-Onorabbli Qorti sabiex*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet F u K H li zzewgu fil-5 ta' April, ai termini tal-Artiklu 66A et seq. tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna ghal kull bon fini x-xoljiment tal-Komunjoni tal-akkwisti;*

3. *Tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn ir-rikorrenti u li l-manteniment pagabbli mill-intimat hu dak ta' 200 Ewro fix-xahar;*

4. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe M;*

5. *Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat (Vide Fol 7) li taqra hekk:

1. *Illi hi taghti ruhha b'notifikata bl-avviz ta' smiegh tal-kawza odjerna fl-ismijiet premessi;*

2. *Illi m'hemmx oggezzjoni ghat-talbiet maghmulha minn FH;*

3. *Illi F u K H izzewgu fil-5 ta' April 2004, b'rit civil hawn Malta, il-Belt Valletta. Illi huma ghandhom tifel, AH li twieled f'X li jghix ma' FH hawn Malta, filwaqt li KH jghix gewwa*

*l-Istati Uniti tal-Amerika;*

4. *Illi huma ilhom separati de facto mis-sena 2012 u qatt ma rrikonciljaw;*

5. *Illi bejn il-partijiet m'hemmx assi u ghalhekk m'hemmx assi x'jigu illikwidati;*

6. *Illi m'hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

7. *Illi hu ukoll jixtieq li l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet F u K H li zzewgu fil-5 ta' Arpil 2004.*

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2022 (Vide Fol 160) fejn il-partijiet stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat t-talba tal-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe M;

Rat in-nota tal-attrici a fol 180 ai termini tal-Artikolu 66G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' Dr Alexia Ellul datata 24 ta' Ottubru 2022 ai termini tal-Artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, vide fol 187;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici nee M, xehdet permezz ta' affidavit** *(vide fol 14 et seq)* u spjegat illi hija zzewget lill-intimat bi zwieg civili gewwa r-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta nhar il- 5 ta' April 2004. Tixhed illi filwaqt li l-attrici hija Maltija, l-intimat huwa T. Wara tlett (3) snin miz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom iben, AH li twieled f'X f'Malta. Id-dar matrimonjali kien l-istess fond fejn illum il-gurnata ghadhom jghixu l-attrici u iben il-partijiet, fuq titolu ta' kera.

Tixhed illi issa hi u l-intimat ilhom ilhom zmien twil ma jghixu flimkien. Tirrileva illi l-ewwel kienet telqet hi u marret tghix lura ghand ommha, u sussegwentement, fis-sena 2012, telaq l-intimat mid-dar matrimonjali. Wara li telaq l-intimat, hija marret lura tghix fid-dar matrimonjali mal-minuri. Sostniet illi l-partijiet qatt ma sseparaw legalment izda l-Qorti tal-Familja

diversament preseduta fid- 9 ta' Gunju 2017, kienet afdat lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri u ordnat lill-intimat ihallas is-somma ta' EUR 200 bhala mantemiment ghall-minuri, u nofs l-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

L-attrici isostni illi l-intimat jghix l-Istati Uniti. Hi kienet ghadditlu n-numru tal-kont bankarju taghha u huwa jibghatilha l-flus tal-manteniment direttament fil-kont. Illi l-intimat ghad ghandu kuntatt mal-minuri permezz ta' messaggi jew *video calls.* L-attrici tixhed illi hi mara tad-dar, u apparti li tiehu hsieb u trabbi wahedha lill-minuri, hija tiehu hsieb ukoll lill-missierha li jghix maghha. Illi missierha ghandu sitta u sittin sena (66) u ghandu problemi ta' mobbilita'. Ommha kienet giet nieqsa fis-sena 2012. Illi l-attrici tiehu hsieb ukoll lil nannitha li ghalkemm qieghda f'dar tal-anzjani, zzurha u zzommilha kumpanija kuljum. L-attrici tghix fuq il-beneficcji socjali fis-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin euro (€487) kull xahar, u c-*children's allowance* fl-ammont ta' tlett mija u tlettax euro (€313) kull tlett xhur. Hija ghandha kera ta' tlett mitt euro (€300) fix-xahar u jghinha finanzjarjament missierha. Dan gie kkonfermat ukoll minn Saviour Theuma, rappresentant tad-Dipartiment Servizzi Socjali, fol 164 et seqq. Illi ghalkemm il-partijiet kellhom il-komunjoni tal-akkwisti, hija tiddikjara illi m'ghandhom l-ebda assi flimkien. Tixtieq illi tirriverti lura ghal kunjomha xebba u li kemm hi u kif ukoll l-intimat jixtieq illi jottjenu d-divorzju.

**L-attrici xehdet ukoll viva voce nhar il-5 ta' Mejju 2022** *(vide fol 19A et seq)* u spjegat kif wara li twieled il-minuri, l-affarijiet bdew sejrin hazin bejniethom. Tixhed illi l-intimat kien waqaf jahdem u beda jitrattaha hazin. Ommha kienet iggibilhom l-ikel, l-intimat kien jiehu l-ikel u jaghlaq il-bieb u ma jhallihiex tidhol. Illi ukoll, ma kienx ihalliha tmur ghand ommha. L-attrici tikkonferma illi l-ahhar li ghexu flimkien kien fl-2012 wara dan ma regax kien hemm rikonciljazzjoni. L-attrici tishaq illi hija ghadha tghix fl-istess fond li kien u li ghadu mikri lilhom gewwa r-Rabat flimkien mal-minuri, u li dan il-fond kien inkera minnhom fis-sena 2007 meta kellha lill-minuri. Mistoqsija jekk ghandhomx vetturi, l-attrici tirrileva illi kellha karozza fuq isem missierha, izda din inbieghet. Mistoqsija jekk l-intimat ihallasx manteniment ghall-minuri, l-attrici tikkonferma illi l-manteniment jithallas fil-hin u m'hemm l-ebda arretrati.

**L-intimat xehed permezz ta' affidavit** *(vide fol 21 et seq)* fejn huwa iddikjara illi huwa jaqbel mat-talba tal-attrici ghall-hall taz-zwieg taghhom u kkonferma li m'ghandhom l-ebda assi flimkien. Huwa sostna illi qieghed jghix gewwa l-Istati Uniti u li qieghed jghaddi manteniment fl-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri.

Giet ezaminata x-xhieda li inghatat quddiem l-Assistent Gudizzjarju mill-Banek u l-ammonti zghar ta' flejjes f'dawn l-akkonti bankarji (vide xhieda fol 167 sa 172)

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.***

***(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.***

***(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku***

***66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għalrikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(c) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta'April 2004, bir-rit civili gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 297/2004 *a fol 3* tal-atti. Illi filwaqt li l-attrici hija Maltija, l-intimat huwa ta' nazzjonalita' Tunezin. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom iben wiehed, AH li twieled fl- 1 ta' Ottubru 2007 u llum ghandu hmistax (15) – il sena. Illi mill-provi in atti jidher illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2012, u qed jghix fl-USA ghalhekk ilhom mis-sena 2012 *de facto* separati. Illi l-attrici flimkien mal-minuri ghadhom jirrisjedu gewwa d-dar matrimonjali.

Illi l-Qorti tinnota illi ghalkemm il-partijiet ormai ilhom *circa* ghaxar (10) snin separati *de facto*, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali. Illi pero' l-attrici kienet intavolat proceduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn giet vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri AH, filwaqt li l-intimat gie ordnat jivversa s-somma ta' EUR 200 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess minuri. Illi huwa evidenti illi l-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Illi jidher ukoll li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni *kif ex admissis* xehdu entrambi l-partijiet, b'dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement pprovat.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m'hemm pendenzi ulterjuri ohra. Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attrici rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi mahlul.

Illi ghar-rigward it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u dik fejn l-attrici qeghda titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha **'*Mifsud*'**, il-Qorti rat l-artikolu 66 D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li flimkien ma' l-istess talba ghad-divorzju, *'it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f'kawza ta'separazzjoni skond is-Sub Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-dispozizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis…"*

Il-Qorti tinnota li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet. Jirrizulta mix-xhiedha tal-partijiet, illi m'hemm l-ebda assi in komunjoni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin. Ghal kull buon fini, il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet ghandhom ikunu a karigu assoluta ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun intestat il-kont bankarju. Illi l-istess japplika ghal kwalsiasi obbligu li seta' gie kontratt minn xi parti jew ohra, b'dana illi tali obbligu ghandu jkun a karigu esklussiv ta' dik il-parti li tkun intrabtet b'tali obbligu.

B'referenza ghat-raba' (4) talba, il-Qorti, anke fid-dawl ta' dak li xehdu l-partijiet u l-fatt li llum it-tnejn ghandhom hajja separata u distinta minn xulxin, tilqa' din it-talba.

Illi l-Qorti rat ukoll l-artikolu 66 G (1) u l-artikolu 66 G (2) (a) u l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw is-segwenti:

***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti -(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta'rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***

***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jewb'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

***66H (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu,kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta'rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.***

***(2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukatjikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1):***

***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.***

Il-Qorti tirrileva illi n-noti rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 u dik ai termini 66 (H) (2), gew prezentati mill-avukati difensuri rispettivi. Illi pero' il-Qorti tirrileva illi dawna n-noti gew prezentati tardivament, u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi, u dana wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw ruhhom dwar dan.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

Illi pero l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta’ gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[1] u ta’ dak li xehdu l-partijiet u cioe li ormai ilhom ghaxar (10) snin jghixu hajja separata u distinta minn xulxin, u li z-zewg partijiet huma indubjament konvinti minn dina d-decisjoni li jridu li jigi ordnat il-hall taz-zwieg li gie kontrattat bejnithom, it-tardivita’ tal-prezentata tan-noti in kwistjoni mhux sejra tintralcja b’xi mod il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet. Illi ghalhekk tali tardivita’ ***wahidha***[2] m’ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa l-ewwel talba u tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-5 ta’ April 2004, liema zwieg igib in-numru ta’ iskrizzjoni 297/2004;**

2. **Tilqa’ t-tieni talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe kontijiet bankarji jew facilitajiet bankarji, vetturi jew assi ohra ghandhom jibqghu jappartjenu lil dik il-parti li f’ismiha jkunu intestati. Illi l-istess japplika ghal kwalsiasi obbligu li seta’ gie kontratt minn xi parti jew ohra, b’dana illi tali obbligu ghandu jkun a karigu esklussiv ta’ dik il-parti li tkun intrabtet b’tali obbligu.**

3. **Tiddikjara illi kif diga ordnat b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament**

[1] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

[2] Enfazi tal-Qorti.

**preseduta, l-attrici hija vestita bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri filwaqt illi l-intimat hu obbligat jivversa s-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri iben il-partijiet.**

4. **Tordna u tawtorizza lill-attrici FH tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'M' u tordna lid-Direttur tar-Rrgistru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

5. **Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**